



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 78/24

il-Lussemburgu, 30 ta' April 2024

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-650/22 | FIFA

L-Avukat Ġenerali Szpunar: Uħud mir-regoli tal-FIFA dwar it-trasferiment tal-plejers jistgħu jirriżultaw li huma kontra d-dritt tal-Unjoni

Dawn ir-regoli huma ta' natura restrittiva u jistgħu jkunu ġġustifikati f'ċirkustanzi speċifiċi

Ex plejer tal-futbol professjonali qiegħed jikkontesta r-regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-plejers u l-klabbs. Ir-regoli inkwistjoni, intitolati "Regolamenti dwar l-Istatus u t-Trasferiment tal-Plejers" (RSTP), ġew adottati mill-Fédération Internationale de Football Association (FIFA) – assoċjazzjoni responsabbli għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet tal-futbol fuq livell dinji.

Dawn ir-regoli li huma implimentati kemm mill-FIFA kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol membri tagħha japplikaw, fost l-oħrajn, għal sitwazzjoni fejn ikun hemm tilwima bejn plejer u klabb fir-rigward tat-terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida. F'każijiet bħal dawn, dan il-plejer u kull klabb li jixtieq jimpjegaw ikunu responsabbli *in solidum* għal kull kumpens dovut lill-klabb preċedenti tiegħu. Il-plejer u l-klabb il-ġdid ikunu wkoll suġġetti għal sanzjonijiet sportivi u finanzjarji fil-każ ta' nuqqas ta' konformità. Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni li tagħha jkun membru l-klabb preċedenti tal-plejer tista' tirrifjuta li toħroġ iċ-Ċertifikat Internazzjonali ta' Trasferiment lill-assoċjazzjoni l-ġdida li magħha jkun irreġistrat il-klabb il-ġdid tal-plejer sakemm it-tilwima mal-klabb preċedenti tkun għadha ma ġietx solvuta.

Il-plejer tal-futbol professjonali kien iffirma kuntratt mal-klabb tal-futbol Russu Lokomotiv Moscow. Madankollu dan il-klabb kien ittermina dan il-kuntratt sena wara minħabba allegat ksur "u terminazzjoni tal-kuntratt mingħajr raġuni valida". Lokomotiv Moscow talab lill-Kamra għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim tal-FIFA toħroġ ordni ta' kumpens u l-plejer ippreżenta kontrotalba fejn talab kumpens għall-pagi mhux imħallsa. Il-plejer sostna li t-tfittxija għal klabb ġdid kienet diffiċli għaliex, skont ir-RSTP, il-klabb il-ġdid jinżamm responsabbli, *in solidum* miegħu, li jħallas il-kumpens dovut lil Lokomotiv Moscow. Huwa sostna li ftehim potenzjali mal-klabb Belġjan Sporting du Pays de Charleroi ma ġiex iffinalizzat minħabba l-kundizzjonijiet previsti fir-RSTP u fetaħ kawża għad-danni u għal telf ta' qliegħ ta' EUR 6 miljun kontra l-FIFA u l-URBSFA (il-korp governattiv tal-futbol Belġjan) quddiem qorti Belġjana.

Fil-konklużjonijiet tal-Illum, l-Avukat Ġenerali Maciej Szpunar jipproponi li, bħala risposta għad-domandi magħmula mill-qorti Belġjana, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkonstata li **r-regoli tal-FIFA li jirregolaw ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-plejers u l-klabbs jistgħu jirriżultaw li jmorru kontra d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u kontra l-moviment liberu tal-persuni.**

Huwa jqis li **ma jista' kun hemm l-ebda dubju dwar in-natura restrittiva tar-RSTP fir-rigward tal-moviment liberu.** Dawn id-dispożizzjonijiet huma tali li jiskoraġġixxu u jiddiswadu lill-klabbs milli jimpjegaw lill-plejer minħabba l-biża' ta' riskju finanzjarju. Is-sanzjonijiet sportivi affaċċjati mill-klabb li jimpjega lill-plejer effettivament jipprekludi lill-plejer milli jeżerċita l-professjoni tiegħu ma' klabb li jinsab fi Stat Membru ieħor.

Fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni, l-Avukat Ġenerali Szpunar iqis li, min-natura tagħhom stess, ir-RSTP jillimitaw il-possibbiltà li l-plejers jibdli l-klabbs u, min-naħa l-oħra, li l-klabbs (ġodda) jimpjegaw il-plejers, f'sitwazzjoni fejn

plejer ikun ittermina l-kuntratt tiegħu mingħajr raġuni valida. B'dan il-mod, **ir-RSTP, billi jillimitaw il-kapaċità tal-klabbs li jirreklutaw il-plejers, jaffettwaw neċessarjament il-kompetizzjoni bejn il-klabbs fis-suq tal-akkwist tal-plejers professjonali.**

Ir-restrizzjonijiet għall-kompetizzjoni jistgħu jkunu ġġustifikati biss fil-każ fejn ikollhom l-effett li jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn il-klabbs u jekk jiġi pprovat li dawn ikunu neċessarji sabiex jintlaħaq għan jew għanijiet leġittimi u fejn dawn ikunu strettament neċessarji sabiex dan l-għan jew dawn l-għanijiet jintlaħqu. Bl-istess mod, ir-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-ħaddiema jistgħu jkunu ġġustifikati jekk jintwera li jkun possibbli li r-regola dwar ir-responsabbiltà *in solidum* ma tiġix applikata fejn jiġi stabbilit li l-klabb il-ġdid ma kienx involut fit-terminazzjoni prematura u mhux ġustifikata tal-kuntratt tal-plejer. Ir-regoli dwar il-ħruġ ta' Ċertifikat Internazzjonali ta' Trasferiment jistgħu ikunu ġġustifikati jekk ikun jista' jiġi pprovat li jistgħu jittieħdu miżuri provviżorji li jkunu effettivi, ġenwini u m'haffa f'sitwazzjoni fejn kien ikun hemm sempliċi allegazzjoni li l-plejer ma jkunx onora t-termini tal-kuntratt li jwassal għat-terminazzjoni tiegħu mill-klabb.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

